



Brussell, 14 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

9762/23

LIMITE

PECHE 207

Fajls Interistituzzjonali:
2023/0118(NLE)
2023/0019(NLE)
2023/0117(NLE)

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: 1. Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Madagascari u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu (2023-2027)
- Adozzjoni
2. Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja, ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Madagascari u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu (2023-2027)
- Qbil fil-prinċipju
- Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew
3. Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll ta' Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Madagascari
- Adozzjoni

1. Wara t-tlestija tan-negozjati f'Ottubru 2022, abbażi ta' mandat¹ mogħti mill-Kunsill f'Ġunju 2018, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposti msemmija hawn fuq² fit-28 ta' April 2023.

¹ Dokument 8710/18 + ADD 1

² Dokumenti 8800/23 + ADD1, 8801/23 + ADD 1, 8803/23

2. L-abbozzi ta' Deċiżjonijiet u Regolament huma bbażati fuq l-Artikolu 43 u l-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).
3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Politika tas-Sajd eżamina l-proposta fl-4 u l-11 ta' Mejju 2023. Huwa qabel li jimmodifika l-bażi legali taż-żewġ deċiżjonijiet sabiex jirreferu għall-Artikolu 43 TFUE fl-intier tiegħu, u qabel dwar bidla fil-formulazzjoni fir-rigward tal-persuna li hija awtorizzata tiffirma l-protokoll u tinnotifika l-konklużjoni tiegħu fisem l-UE.
4. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni ħabbar li l-Kummissjoni kienet ser tippreżenta dikjarazzjoni għall-minuti tal-Kunsill kemm rigward il-bidla tal-bażi legali kif ukoll tal-persuna deżinjata biex tiffirma l-protokoll. DK ippreżentat riżerva ta' skrutinju parlamentari, li minn dak iż-żmien 'l hawn tneħħiet. Il-bidliet maqbula mill-Grupp ta' Ħidma nħarġu bħala testi ta' kompromess tal-Presidenza³ u ġew ikkonfermati permezz ta' konsultazzjoni bil-miktub li ntemmet fit-22 ta' Mejju 2023.
5. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ppreżenta opinjoni pożittiva fl-1 ta' Ġunju 2023. Il-Grupp ta' Ħidma reġa' lura għall-kwistjoni fit-12 ta' Ġunju 2023 biex jieħu nota tal-kummenti formali tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data⁴. Sadanittant il-ġuristi lingwisti ffinalizzaw it-testi fil-lingwi kollha.
6. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mistieden jikkonferma l-ftehim li ntlaħaq u jirrakkomanda li l-Kunsill, f'laqgħa li jmiss:
 - jadotta d-deċiżjoni dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-ftehim u tal-protokoll, kif tinsab fid-dokument 9523/23;
 - jaqbel fil-prinċipju dwar id-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-ftehim u l-protokoll, kif tinsab fid-dokument 9525/23, u jiddeċiedi li jibgħatha, flimkien mat-test tal-protokoll kif jinsab fid-dokument 9007/23, lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu;
 - jadotta r-regolament dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-protokoll, kif jinsab fid-dokument 9812/23;
 - jaqbel li jdaħħal fil-minuti tiegħu d-dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni li jinsabu fl-addendum għal din in-nota.

³ Dokumenti 9029/23, 9030/23 u 9310/23

⁴ Dokument 10102/23

7. Id-deċiżjoni dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja, it-testi tal-ftehim u tal-protokoll u r-regolament dwar l-allokazzjoni ta' opportunitajiet ta' sajd ser jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali. Il-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE, u d-deċiżjoni dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja ser tintbagħat lill-PE.
